**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 20 – IT-TNEJN, 6 TA' LULJU 2020 FIL-5.35pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 19**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 19**

2.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici nforma lill-Kunsill li [ew printed il-kotba kif ukoll saru s-CDs. L-anzjani tal-55+ Club ingħataw kopja.

**3 Pagamenti Numru 21**

3.1 Is Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku tkellem dwar is-seduta virtwali li attenda flimkien mal-Avukat tal-Kunsill dwar il-propost żvilupp fi Triq is-Santwarju. Kien hemm qbil li l-Kunsill iżomm l-istess pożizzjoni u jkompli joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

4.2 Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-AKL biex il-fondi li hemm jintużaw għall-kunċert. Kien hemm qbil li ssir din it-talba. Kien hemm qbil ukoll li jiġi assigurat li l-prokurment isir skont il-liġi u jekk pagament ikun ser jaċċedi l-5000 Euro, issir talba lid-dipartiment skont il-liġi. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**5 Korrispondenza**

5.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm permess biex terġa' tinfetaħ il-librerija tal-Kunsill sakemm jittieħdu l-prekawzjonijiet.

5.2 Kien hem qbil li jingħata permess biex l-FSWS jużaw il-boardroom fis-17 u l-20 ta' Lulju 2020 biex iqassmu l-ikel lill-familji fil-bżonn.

5.3 Il-Kunsill innota l-audit adjustments imressqa mill-Awdituri tal-Kunsill. Is-Sur Trevor Fenech ippropona li dawn jiġu approvati. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.4 Il-Kunsill innota r-rapport tal-Bord tal-interviews għal post ta' Driver. Dan ir-rapport qed jirrakomanda li jintalbu part 2 u part 3 biex jiġu kkunsidrati aktar kandidati.

5.5 Ġie innutat li l-proposta għall-użu tal-LESA funds ġiet approvata mill-AKL.

5.6 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex il-Kunsill jiffinanzja l-fire engine għal waqt il-fireworks tal-arja u għat-trasport għall-attività li ser issir Baħar iċ-Ċagħaq. Kien hemm qbil unanimu għaż-żewġ talbiet.

5.7 Kien hemm talba biex jigu organizzati car wash fil-weekend 11 / 12 u 18 / 19 ta' Lulju 2020 mill-Għaqda tan-Nar u l-Banda rispettivatment. Kien hemm qbil unanimu.

5.8 Kien hemm qbil unanimu biex tiġi organizzata attività ta' Olive Harvesting għal nies neqsin mid-dawl.

5.9 Kien hemm qbil li ssir virtual reality tour tal-knisja bi spiża ta' 1000 Euro, liema fondi jiġu rifonduti mir-Reġjun Ċentru. Kien hemm qbil unanimu.

5.10 Kien hemm diskussjoni dwar talba għall-għajnuna mill-Għaqda Filarmonika Madonna ta' Lourdes biex isir il-pellegrinaġġ. Kien hemm qbil li jiġu vvutati 1750 Euro għal din.

5.11 Fuq talba tagħhom, għandha ssir laqgħa ma' rappreżentat tal-Aġenzija Sapport biex tiġi diskussa kollaborazzjoni mal-Kunsill għal servizzi ta' persuni bi bżonnijiet speċjali.

5.12 Fuq talba tagħhom, għandha ssir laqgħa mal-Friends of the Earth, biex tiġi diskussa kollaborazzjoni biex jiġu stabbiliti aktar postijiet ikkultivati fil-lokal.

5.13 Kien hemm diskussjoni dwar talba għall-għajnuna mill-Għaqda Festa Esterna għal lifter u arloġġ tad-dawl temporanju. Kien hemm qbil unanimu li jiġu vvutati 200 Euro għal din.

5.14 Kien hemm qbil li jibda l-proċess għal EPOS machines fil-Kunsill.

5.15 Ġie innutat li tneħħa arblu fi Triq San Franġisk li l-Kunsill kien għamel talba biex jitneħħa.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 is-Sur David Dalli ppropona li jsiru speed cameras fi Triq tas-Sliema, Triq il-Baltiku u Vjal ir-Riħan. Kien hemm diskussjoni fejn ġie innutat li kien hemm ħafna aktar talbiet għal toroq oħra għal speed camera. Ma kienx hemm sekondat għal din il-proposta. Hu tkellem ukoll fuq bus shelter għal bus stop fi Triq is-Sebuqa. Kien hemm qbil unanimu li ma kienx hemm spazju għal shelter f'din il-bus stop. Fakkar ukoll li hemm biċċa mill-bankina li għandha ħofra quddiem l-iskola fi Vjal ir-Riħan. Din għandha tiġi patched.

6.2 Is-Sinjura Tania Borg tkellmet fuq l-attività proposta għal 20 ta' Settembru 2020.

6.3 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li waslu l-kaxxi tal-injam għal storage fil-garage tal-Kunsill. Fakkar li għad iridu jsiru l-information stands ma' kull kappella. Ilmenta wkoll li hemm bin bla qiegħ fil-masġar u li hemm mera maqlugħa fi Triq San Ġiljan kantuniera ma' Triq San Ġużepp.

6.4 Is-Sinjura Violet Bajada nfurmat lill-Kunsill li s-servizzi tal-podologist u tal-monitoring ser jerġgħu jibdew fis-7 ta' Awwissu 2020. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici qal li kellu lmenti dwar il-venue ta' dawn is-servizzi u hemm min jixtieq li dawn jerġgħu jibdew jingħataw fiċ-ċentru. Wara diskussjoni ġie innutat li fil-klinika tan-Nursery huwa aktar ċentrali u jintlaħaq aħjar.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |